

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-238/11 P) <sup>(1)</sup>

*("Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Allowance ta' invalidità — Ħlas tal-arretrati — Interessi moratorji — Appell parzialment manifestament inammissibbi u parzialment manifestament infondat")*

(2013/C 252/50)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Appellant: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tal-15 ta' Frar 2011, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-81/09, li għadha ma għietx ippubblikata fil-Ġabra), intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Luigi Marcuccio għandu jbatis l-ispejjeż tiegħi stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

<sup>(1)</sup> ĠU C 186, 25.06.2011.

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2013 — Tsujimoto vs L-UASI — Kenzo (KENZO)**

(Kawża T-322/13)

(2013/C 252/51)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Kenzo Tsujimoto (Osaka, il-Ġappun) (rappreżentant: A. Wenninger-Lenz, avukat)

Konvenut: L-Ufficiċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Kenzo (Pariġi, Franza)

**Talbiet**

- tannulla d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Ufficiċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-25 ta' Marzu 2013 (Każ R 1364/2012-2);
- tordna lill-UASI jbatis l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrent

*Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "KENZO", għal servizzi fil-klassijiet 35, 41 u 43 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8 701 286*

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*

*Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark Komunitarja verbali "KENZO", għal prodotti fil-klassijiet 3, 18 u 25*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni kkontestata annullata u applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja miċħuda fl-intier tagħha*

*Motivi invokati: Ksur tal-Artikoli 76(2) u 8(5) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.*

---

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2013 — Pure Fishing vs UASI — Łabowicz (NANOFIL)**

(Kawża T-323/13)

(2013/C 252/52)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Pure Fishing, Inc. (Spirit Lake, l-Istati Uniti) (rappreżentant: J. Dickerson, Solicitor)

Konvenut: L-Ufficiċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: Edward Łabowicz (Kłodzko, il-Polonja)*

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell fil-Każ Nru R 1241/2012-2;
- tawtorizza r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9611872; u